**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Supt B Mula/Spett. G Azzopardi)

**vs**

**Francesco Agius**

Illum 30 ta` Jannar 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Francesco Agius ta` 65 sena, bin il-mejtin Paolo u elizabetta nee` bugeja imwieled Mosta fit-23 ta` Novembru 1933 u joqghod 10, Triq Nerik Mizzi, Mosta, ID 799733 (M);

Talli b`diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

Talli fil-perijodu bejn il-15 ta` Gunju 1999 u t-2 ta` Settembru 1999, fil-Mosta, f`hinijiet differenti, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi permezz ta` oggett iebes ghamel diversi grif fuq il-vetturi li jgibu in-numru tar-registrazzjoni u ta` l-ghamla kif gej: CAL-791 (Nissan); CAI-873 (Toyota); SUE- 645 (Lada); FBH-049 (Fiat); JOE-410 (Austin); LAE-516 (Alfa); HAL-169 (Mazda); IBA-784 (Ford); DBD-236 (Daewoo); EAU-917 (Daihatsu); NAN-010 (Volkswagen); FBJ-292 (Hyundai); FBJ-484 (Ford); BAA-443 (Seat); AAE-691 (Hyundai); IAU-901 (Alfa); FBG-685 (Isuzu); IAA-735 (Lada); FAW-128 (Daihatsu); KAD-587 (Toyota); DBF-582 (Mitsibishi); AL-617306 (Fiat); EAC-363 (Hyundai); LCA-609 (Honda); MSP-001 (Opel); MXX-147 (Volkswagen); TFC-952 (Mitsubishi); FAJ-736 (Toyota); GAL-962 (Opel); AAE-915 (Renault); GAD-195 (Mazda); CBA-285 (Hillman); DAJ-973 (Ford); KAQ-585 (Marina); AAQ-516 (Mercedes); EAL-875 (Mazda); liema hsara fl-ammont globali taghha teccedi l-valur ta` elf lira maltin (Lm1,000), ghad-detriment tas-sidien rispettivi taghhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-16 ta` Awissu 2000;

Rat li fis-seduta tal-4 ta` Ottubru 2000, l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti mressqa.

Rat l-Atti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Settembru 1999li biha hatret esperti psikjatrici, it-Tabib Dr Joseph R Saliba, il-Professur Abraham Galea, it-Tabib Dottor Peter Muscat, wara talba mid-difiza, ai termini ta` l-Artikolu 402 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ir-relazzjoni ta` l-imsemmija periti mahlufa quddiemha fis-seduta tat-30 ta` Novembru 1999.

Ikkunsidrat:

1. Mill-imsemmija relazzjoni (fol. 28 - 36) jirrizulta li l-akkuzat qed ibghati minn 'organic brain syndrome karettarezzata minn disinibizzjoni, reazzjoni eccessiva u fuq kollox ossessjonijiet u kompulsjonijiet li huma atti jew imgieba li fuqhom ma jkunx hemm kontroll tal-volonta`' u li 'din il-marda mentali tirrendi lill-pazjent insan, skond il-ligi, kemm waqt l-allegat reat u kemm fil-prezent.

**2.** Billi ghalhekk l-akkuzat, fl-ebda hin, ma kellu l-'mens rea' meta wettaq ir-reati li bihom gie mixli, **tehilsu minn kull htija u piena.**

Vera kopja.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep. Reg.